MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 10/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John sive Johan Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John sive Johan Mifsud talli fil-25 ta’ Novembru 2004 gewwa l-Fgura ghall-habta tal-10.00 a.m. ikkometta serq ta’ flus Maltin li jammontaw ghal iktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira (Lm1000) minn gewwa l-vettura ta’ ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni LAZ-010 ghad-dannu ta’ Maria Dolores Bezzina mill-Fgura liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll li tordna lill-imsemmi John sive Johan Mifsud ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti a tenur ta’ l-artikolu 533 ta’ l-istess Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John sive Johan Mifsud hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija. Inoltre obbligatu li ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Maria Dolores Bezzina fuq penali ta’ mitt lira multa (*sic!*) fin-nuqqas ghal zmien sena skond l-artikolu 383 ta’ l-imsemmi Kap. 9, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba li jigi ordnat li jhallas l-ispejjez ta’ l-esperti peress illi ma ngabet ebda prova li saru xi spejjez in konnessjoni ma’ din il-kawza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John sive Johan Mifsud ipprezentat fl-24 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u tibdilha dwar il-piena, billi minflok dik effettiva jinghata provvediment idoneu skond il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena u, kif solitu jinghad, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Hawn

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

imbaghad si trattava ta’ ammissjoni u, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Tajjeb li jinghad pero` li, f’dan il-kaz, meta giet registrata l-ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2006, gie dikjarat mid-difiza illi l-appellant (allura imputat) huwa dispost li jaghmel xoghol volontarju fil-komunita` jekk jikkwalifika ghal dan. Dik il-Qorti effettivament ordnat li jsir *pre-sentencing report* minn ufficjal tal-*probation* sabiex jigi mistharreg jekk l-appellant jikkwalifikax u sabiex issir rakkomandazzjoni fejn jista’ jsir dan ix-xoghol.

Fit-13 ta’ Settembru 2006 xehed quddiem l-ewwel Qorti l-ufficjal tal-*probation* Ivan Sultana fejn ipprezenta r-rapport tieghu u qal bla tlaqliq li l-appellant ma kienx jikkwalifika ghal servizz fil-komunita` peress li kellu problema ta’ droga u minflok irrakkomanda li jitqieghed taht *probation* ghall-perijodu massimu filwaqt li l-appellant jimpenja ruhu ghal programm residenzjali.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddecidiet li timponi piena ta’ prigunerija **“peress illi minn dan ir-rapport il-probation officer wasal ghall-konkluzjoni li l-imputat ma jikkwalifikax ghal sentenza ta’ xoghol volontarju fil-komunita` peress illi ghad ghandu problema ta’ droga.”** Fi kliem iehor, dak kien l-uniku fattur li gieghlet lil dik il-Qorti timponi l-piena li fil-fatt imponiet u jidher ghalhekk li kienet propensa takkordalu l-possibilita` li

jaghti servizz fil-komunita` li kieku ma kienx ghar-rakkomandazzjoni negattiva ta' l-ufficjal tal-*probation*.

L-appellant irrinnova t-talba tieghu quddiem din il-Qorti. Gie sottomess li issa huwa *"clean"* mid-droga, li l-fatt li kien se jkollu tarbija, u li issa fil-fatt twieldet, influwenzatu "enormement", u l-perijodu ta' stennija minn meta sehh il-kaz serva ta' trawma u ghalhekk piena fih innifsu.

Din il-Qorti, in vista tat-talba li regghet saret u in vista ta' dak li ntqal mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report* aggornat sabiex jigi ezaminat jekk l-appellant kienx issa eligibbli ghal servizz fil-komunita` filwaqt illi awtorizzat lill-ufficjal tal-*probation* nominat ghal dan l-iskop biex jitlob lill-appellant jaghmel it-testijiet mehtiega ghall-prezenza ta' sustanzi illeciti.

Fit-13 ta' Lulju 2007 Ivan Sultana xehed quddiem din il-Qorti u pprezenta rapport aggornat. Minn dan ir-rapport jirrizulta li mill-ewwel rapport li kien sar, l-appellant hadem hafna fuq il-problema tad-droga. Ha t-trattament necessarju mic-Centru ta' Dizintossifikazzjoni u kkonkludieh b'success. Test ta' l-urina li ttiehed fl-ufficcju tal-*Probation* fil-11 ta' Gunju 2007 irrizulta fin-negattiv ghal kull sustanza ta' droga. It-tarbija li twilditlu kienet krucjali sabiex jaghraf ir-responsabbilita` li jieqaf jabbuza mid-droga. Meta twieldet it-tarbija msemmija, l-Agenzija Appogg kienet notifikata sabiex jiehdu hsieb li m'hemmx problemi u li t-trobbija tat-tfal hi wahda adegwata. Minn rapport li sar mill-Appogg ma jirrizultax li hemm problemi f'dan ir-rigward. Ir-relazzjoni bejn l-appellant u s-siehba tieghu tidher illi hija wahda tajba u l-fatt li l-appellant stess kien talab ghas-servizz ta' *Family Therapy* huwa sinjal pozittiv li jindika li l-appellant jixtieq li r-relazzjoni ta' bejniethom tkun aktar stabbli. Fir-rapport jinghad li ghalkemm l-appellant m'ghandux impjieg, huwa ghandu l-kapacitajiet necessarji sabiex jistabilixxi ruhu f'dan il-qasam. Ghal dawn ir-ragunijiet, u peress illi l-appellant wera li huwa m'ghadx ghandu l-vizzju tad-droga, l-ufficjal tal-*probation* ikkonkluda li issa l-appellant huwa eligibbli biex jaghti servizz fil-komunita`, b'dan li huwa

rrakkomandat Ordni ta’ Probation u Servizz skond l-artikolu 18 tal-Kap. 446.

Minn dan kollu huwa evidenti li l-appellant hadem sew fuq il-problema ta’ l-abbuz tad-droga u llum huwa persuna aktar responsabbli milli kien diversi xhur ilu, inkluz meta nghatat is-sentenza appellata. Ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-appellant jista’ issa jibbenefika mill-provvedimenti opportuni tal-Kap. 446 u jsir Ordni ta’ Probation u Servizz skond l-artikolu 18 ta’ dak l-Att u b’hekk minn banda jkollu ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-*probation* sabiex jigi assigurat li jzomm imbieghed mid-droga u ma jergax jikkommetti reati ohra u mill-banda l-ohra jkun qed irodd lis-socjeta` offiza xi haga li tkun ta’ beneficcju ghaliha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u minflok, a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446 qieghdha tqieghed lill-appellant taht ordni ta' *probation* u servizz fil-komunita` ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* li jigi nominat ghal dan l-iskop, bil-kundizzjonijiet kollha indikati fl-istess ordni hawn anness inkluz il-kundizzjoni li jaghmel mitt siegha xoghol bla hlas f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu mieghu jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------